MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 741/1998/1

**James Azzopardi**

***Versus***

**Jennifer Tabone mart Donald u l-istess Donald Tabone bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti**

Din il-kawża hija dwar incident tat-triq li seħħ fis-27 ta' Novembru 1997 f'Ħal Safi.

Iċ-ċitazzjoni tghid illi dakinhar, waqt illi l-attur kien qieghed isuq il-vettura tal-marka *Escort* bin-numru KID 001 fi Triq il-Karwija, Ħal Safi, ħabat mal-vettura tal-marka *Alfasud* bin-numru DAO 976, misjuqa mill-konvenuta, u lill-*Escort* ta' l-attur saritilha ħsara ta' elf, mija u tmintax-il lira (LM1,118).

Billi qiegħed ighid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenuta, iżda ghalxejn sejjaħ lill-konvenuti biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tghid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenuta;
2. tillikwida d-danni fis-somma ta’ elf, mija u tmintax-il lira (Lm1,118), jew somma oħra aktar preċiża; u
3. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-għaxar liri u nofs (Lm10.50) ta’ konsult, dawk ta’ ittra uffiċjali tat-12 ta’ Marzu 1998 u dawk ta’ ittra uffiċjali lill-assikuraturi tal-konvenuti ipprezentata flimkien maċ-ċitazzjoni.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-ewwel talba ta’ l-attur għandha tiġi miċħuda għax l-inċident seħħ bi ħtija ta’ l-attur waħdu;
2. it-tieni talba wkoll għandha tiġi miċħuda għax ma hemmx danni x’jiġu likwidati favur l-attur; u
3. it-tielet talba wkoll għandha tiġi miċħuda għax il-konvenuti ma għandhomx jiġu kundannati jħallsu danni.

Il-partijiet ma humiex qegħdin jaqblu dwar kif seħħ l-inċident.

L-attur ighid illi hu kien sejjer fid-direzzjoni tal-fabbrika ta’ *ST Electronics* u l-konvenuta kienet ġejja lejh. Kif waslet qrib tiegħu l-konvenuta kisret lejn il-lemin biex tidħol fit-triq laterali. Biex għamlet hekk qasmet quddiem l-attur, daħlet fil-karreġjata tiegħu u ma ħallitlux mnejn igħaddi. Għalhekk saret il-ħabta bejn il-ponta tal-lemin tal-vettura ta’ l-attur u l-ponta tal-lemin tal-vettura tal-konvenuta. Bid-daqqa, il-vettura tal-konvenuta giet tħares lejn mnejn kienet giet.

Il-konvenuta tgħid illi hi kienet wieqfa fuq in-naħa tagħha tat-triq iżda qrib in-nofs tistenna li l-attur igħaddi biex taqsam il-karreġġjata tiegħu u tikser lejn il-lemin tagħha. Dak il-ħin l-attur ġibed lejn in-nofs biex jaqbeż vettura oħra u baqa' dieħel fil-konvenuta waqt li kienet għadha wieqfa.

Meta l-karozzi kienu għadhom weqfin wara l-ħabta giet karrozza oħra, baqgħet dieħla ġol-vettura tal-konvenuta, u bid-daqqa reġgħet ċaqalqitha. Dak il-ħin kien dalam u t-triq ma hijiex imdawla.

Ħlief għall-verżjonijiet tal-partijiet, li ma jaqblux bejniethom, ftit li xejn hemm xhieda oġġettiva li tista' titfa' dawl biex il-qorti tara lil min tista' temmen. Lanqas ma tista' wisq toqgħod fuq l-iskizz tal-pulizija għax dawn ħadu l-kejl wara t-tieni inċident meta l-vettura tal-konvenuta reġgħet intlaqtet.

Il-fattur oġġettiv waħdieni huwa l-pożizzjoni tal-vettura ta' l-attur, li spiċċat nofsha fuq il-bankina. Dan, kif qal l-attur fil-para. 14(i) tan-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu[1], huwa xhieda kontra l-allegazzjonijiet tal-konvenuta illi hija kienet wieqfa u l-attur daħal fiha biex qabeż vettura oħra. Jekk tassew il-konventa kienet wieqfa, u l-vettura tagħha ma kellhiex *momentum*, x'aktarx illi l-vettura ta' l-attur ma kinitx sejra tintefa' daqstant lejn ix-xellug tagħha meta l-*momentum* kollu kien lejn il-quddiem. Aktar huwa probabbli illi l-attur intefa' lejn ix-xellug tiegħu għax ħa daqqa mill-vettura tal-konvenuta li kienet ilwiet lejn dik id-direzzjoni.

Għalkemm mhux mingħajr eżitazzjoni, il-qorti hija tal-fehma illi lill-attur seħħlu li b'dan l-argument jegħleb l-oneru tal-prova f'kawża ċivili, u għalhekk tgħid illi l-ħtija hija tal-konvenuta, li qasmet quddiem l-attur meta dan kellu l-preċedenza.

---

[1] *Fol.169.*

Dwar il-*quantum* tad-danni ma hemmx kontestazzjoni, u l-qorti għalhekk tillikwida d-danni fis-somma ta' elf, mija u tmintax-il lira (Lm1,118).

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tgħid illi l-konvenuta taħti għall-inċident, tillikwida d-danni fis-somma ta' elf, mija u tmintax-il lira (Lm1,118), u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------